# L-Assedju l-Kbir ta' Malta – f'għeluq l-450 sena

**Alexander Busuttil**
B.Ed. (Hons.) M.Sc.

*Għalkemm fost l-iżgħar pajjiżi, Malta għandha storja li ġġib l-għira ta' bosta stati ferm akbar minnha. Bla dubju li l-Assedju l-Kbir tal-1565 jibqa' fost l-aktar ġrajjiet importanti fl-istorja ta' pajjiżna. Alexander Busuttil jirrakkontalna l-istorja tal-Assedju l-Kbir f'għeluq l-450 anniversarju tiegħu.*

Din is-sena qegħdin infakkru l-450 sena mill-Assedju l-Kbir ta' Malta u għalhekk ħsibt li nfakkar ftit dawn il-ġrajjiet hekk importanti fl-istorja ta' pajjiżna li għalkemm ċkejken imma minn dejjem kellu influwenza kbira f'dak kollu li jiġri fil-Mediterran.

Il-Kavallieri kienu ilhom Malta 35 sena u stabilixxew ruħhom fil-Birgu peress li kienet belt portwali u l-qawwa tagħhom kienet navali u kummerċjali. In-Nobbli ta' Malta li qatt ma tant kienu ferħana bil-ħakma tal-kavallieri kienu nqatgħu għal rashom fil-belt tal-Imdina. Il-bqija tal-Maltin madwar 20, 000 ruħ kienu mxerrdin fl-irħula jgħixu kif jistgħu bil-biedja jew bis-sajd jew snajja oħra. Ir-raħal tagħna Ħal Kirkop kienu joqogħdu ftit bdiewa bil-familja tagħhom ġo ftit irziezet. Fiorini (2000) jikteb li fl-1419 u fl-1425 insibu 16 u 17 –il raġel rispetivvament minn Ħal Kirkop miktubin fid-Dejma. Jekk inqisu li għal kull raġel hemm xi ħamsa jew sitta minn nies dipendenti fuqu, bejn nisa, tfal u xjuħ, naslu biex ngħidu li r-raħal kellu xi popolazzjoni ta' xi mitt ruħ. Kienu jagħmlu mal-parroċċa ta' Bir Miftuħ. Meta Mons. Dusina żar Ħal Kirkop 10 snin wara l-Assedju, sab popolazzjoni ta' qrib 250 ruħ u jsemmi l-eżistenza ta' diversi kappelli fir-raħal tagħna, u l-priċipali fosthom kienet dik tal-Patrun tagħna San Leonardu u oħra tal-Lunzjata u ta' San Ġakbu int u sejjer lejn Ħal Safi u ta' San Nikola int u sejjer lejn Bir Miftuħ. Irridu ngħidu li għalkemm Malta kienet taħt l-Ordni, xorta missirijietna kienu mwerwrin mill-attakki tal-Furbani Misilmin li kienu għadhom jattakkaw lill-pajjiżna u jisirqu kull ma jsibu. Barra minn hekk il-flotta tal-Ordni kienet tattakka kull bastiment li jtajjar il-bandiera tal-Mislem u allura Malta kienet xewka għall-Imperu Tork, li dik il-ħabta kien fl-aqwa tiegħu. Biżżejjed ngħidu li fl-1551 Dragut attakka l-Għawdex u kaxkar fil-jasar l-Għawdxin kollha, kważi 5000 ruħ. Fil-fatt insibu li ħafna Maltin telqu lejn Sqallija li kienet inqas perikuluża.

Il-Granmastru Juan de Homedes, wara dan l-attakk fuq Għawdex, ordna li jissaħħaħ Forti Sant' Anġlu l-Birgu u l-bini ta' żewġ fortizzi ġodda dik ta' San Mikiel l-Isla u ta' Sant' Iermu fuq l-għolja Sciberras, illum l-Belt Valletta. Dawn inbnew f'temp ta' sitt xhur biss fl-1552 u kellhom ikunu kruċjali fl-Assedju l-Kbir. Fl-1557 laħaq Granmastru Jean Parisot de Vallette li kellu jkun il-mexxej per eċċellenza waqt l-Assedju l-Kbir.

Il-Granmastru de Valette kien jaf minn kmieni li t-Torok kienu qegħdin jippreperaw attakk kbir fuq Malta minn spiji li kellu f'Kostantinopli. Dlonk ordna biex jitlestew ix-xogħlijiet fuq il-fortizzi kollha u ħareġ avviż biex il-kavallieri kollha li kienu mxerrdin mal-Ewropa jirritornaw Malta mill-iktar fis. Ordna biex jinġiebu suldati voluntiera mill-Italja u talab l-għajnuna mill-allejati kollha fosthom mill-Viċire ta' Sqallija Don Garcia li min-naħa tiegħu wiegħed għajnuna sinifikanti imma talbu żmien biex ikun jista jiġbor ammont sodisfaċenti ta' suldati. Iż-żmien huwa lussu li de Vallette ma kellux! Il-Papa Piju IV bagħat somma flus ta' 10,000 koroni bħala għajnuna. Dawn servew biex jinxtara proviżjon u armi imma de Vallette l-iktar li kellu bżonn kienu suldati mħarrġin. Skont Francesco Balbi, li kien suldat merċenarju Spanjol iservi Malta, fir-Rebbiegħa tal-1565, (u li ħallielna djarju miktub tal-ġrajja kollha), de Vallette kellu taħt il-kmand tiegħu 541 Kavallier u suldati mħarġin Spanjoli, Taljani u xi Griegi u bejn 3000 u 4000 suldati Maltin li ma kienux daqshekk mħarġin imma li kellhom esperjenza kerha ta' dawn il-kursara Misilmin u għalhekk kienu lesti għalihom. Kien hawn ukoll xi 500 skjavi Misilmin maqbudin li kienu jservu fuq ix-xwieni tal-Ordni imma dawn kellhom jintużaw taħt għassa stretta għax malajr iduru kontrik u jaqsmu għand l-għadu. Iktar 'il quddiem waslu iżjed kavallieri u suldati biex b'kollox Malta kellha qawwa ta' bejn 8000 u 9000 suldat biex jiddefenduha kontra l-armata enormi tal-għadu. Fid-9 ta' April wasal Malta l-Viċire ta' Sqallija Don Garcia de Toledo bi flotta ta' 27 bastiment imma kull ma kellu x'joffri lil De Valette kienet il-wegħda li l-Imperatur Filippu II ta' Spanja kien ser jibgħat 25 000 suldat, imma min jaf meta! Il-Viċire irritorna lejn Sqallija u ħa miegħu xi Maltin xjuħ u morda.

Bdew isiru l-preparamenti ġewwa l-fortizzi billi ssir ħażna ta' ikel, ilma, armi u munizzjon ta' kull tip li kellhom bżonn kemm għall-kanuni u armi tan-nar oħrajn. Il-Birgu biss kellu nixxiegħa ta' ilma permanenti. Imlew il-fosos ġewwa Sant' Anġlu u San Mikiel bil-qamħ li nġieb minn Sqallija. Tpoġġiet katina enormi fil-baħar bejn il-ponta tal-Isla u Sant' Anġlu hekk li ebda opra tal-baħar ma tista tidħol fid-daħla bejn l-Isla u l-Birgu. Din il-katina kienet mgħassa lejl u nar. Twittew djar u bini qrib il-fortizzi tal-Birgu u l-Isla biex ma jkunux jistgħu jinqdew bihom it-Torok. It-tliet bastimenti kbar tal-Ordni, Capitana, Padrona u San Giovanni nħbew fil-foss ta' bejn Sant' Anġlu u l-Birgu. Ħarġet ordni lill-bdiewa biex jiġbru u jaħsdu kollox mir-raba tagħhom inkluż frott li jkun għadu ma sarx ħalli t-Torok ma jsibu xejn x'jieklu huma u l-annimali tagħhom. Nixxiegħat ta' ilma kellhom jinħbew sewwa u l-bjar ġew kontaminati b'annimali mejtin. It-Torok kellhom jaħsbu għalkollox jekk riedu jdumu bl-assedju għax f'Malta kienu ħa jsibu ftit li xejn u din kienet ser tkun problema kbira għalihom.



*Matteo Perez d'Aleccio, Il-miġja tal-qawwa Torka fit-18 ta' Mejju 1565, Il-Palazz Presidenzjali, il-Belt (Ritratt Daniel Cilia)*

## Il-Wasla tat-Torok

Il-flotta Torka dehret fuq ix-xefaq ta' Malta mas-sebħ il-Ġimgħa 18 ta' Mejju riesqa lejn Marsaxlokk. Stakkament ta' suldati taħt il-Marixxal Copier u xi Maltin fuq iż-żwiemel lemħuhom u dlonk bagħtu jinfurmaw lill-Granmastru ġewwa l-Birgu. L-Imdina sparaw xi kolpi tal-kanun biex jinfurmaw immedjatament lil ħutna

l-Għawdxin u dawn irrispondew minnufih b'kolp ta' kanun mill-Kastell. Bdew jintbagħtu sinjali minn raħal għal ieħor biex kulħadd jerħilha jew lejn l-Imdina jew lejn il-Birgu, bil-karettuni u b'xi ħażna ta' ikel magħhom. Il-Koppin flimkien mal-parroċċani kollha ta' Bir Miftuħ irħewlha lejn il-fortifikazzjonijiet il-ġodda tal-Birgu. L-Imdina wkoll inġabru ħafna Maltin u għalhekk il-kbarat Maltin talbu lill De Valette biex isaħħaħ il-qawwiet tal-Imdina. Dan minnufih bagħat ir-riġment ta' Birkirkara, Ħal Qormi, iż-Żejtun, iż-Żurrieq u Bir Miftuħ – madwar 2,370 raġel b'kollox biex flimkien mal-kavallerija tal-Kavallier Fra Melchior d'Eguaras iservu hemm taħt il-kmand ta' Fra Pedro Mesquita. Il-Kavallerija kollha kienet stazzjonata l-Imdina. Dawn ir-rinforzi baqgħu l-Imdina għall-ewwel xahar biss tal-assedju għax malli Sant' Iermu waqa', De Valette kellu iktar bżonnhom il-Birgu u l-Isla. Fil-fatt il-battaljun ta' Bir Miftuħ ġie assenjat il-posta fl-Isla li tħares lejn Kordin (Fiorini, 2000).

Sadanittant il-flotta Torka li kienet tgħodd mal-190 bastiment ma daħlux Marsaxlokk imma salpaw max-xatt lejn in-naħa ta' Filfla u taħt iż-Żurrieq u lejn l-Ġnejna u ankraw taħt l-irdum tal-Imġarr. Tagħna 'l ħin kollu żammewhom taħt għajnejhom u l-Granmastru kien infurmat il-ħin kollu b'messaġġiera apposta.



*Matteo Perez d'Aleccio, L-isbark f'Marsaxlokk fl-20 ta' Mejju 1565, Il-Palazz Presidenzjali, il-Belt (Ritratt Daniel Cilia)*

L-għada filgħodu refgħu l-ankri u rħewlha lejn Marsaxlokk, San Tumas u Marsaskala. Ankraw u bdew iħottu l-apparat kollu li kellhom fosthom 3000 suldat li elf minnhom kienu jgħidulhom Ġanissarji li kienu l-aqwa suldati Torok. Niżżlu ż-żwiemel tagħhom u bagħtu stakkament biex jimxi quddiem u jibdew jisirqu u jiġbru kull ma jsibu jgħodd għal snienhom fosthom bhejjem u ikel mir-raba. Għarralhom għax ma sabu xejn, la bdiewa u lanqas bhejjem, għax kulħadd kien laħaq inġabar il-Birgu. Fir-raħal taż-Żejtun iltaqgħu ma' stakkament kavallerija minn tagħna taħt il-Marixxal De Copier u hawn saret l-ewwel ġlieda. Imma tagħna malajr irtiraw għax it-Torok kienu wisq. Inqatel in-neputi tal-gvernatur tal-Imdina Don Mesquita u nqabdu tnejn priġunieri mit-Torok. Dawn kienu kavallier Franċiż u suldat Portugiż, li wara li ittorturawhom, qatluhom. Ippretendew li jgħidulhom fejn kellna l-iktar parti debboli fis-swar imma dawn l-eroj tawhom informazzjoni falza.

Il-qawwiet tal-art Torok kienu taħt il-kmand tal-Ġeneral Mustafa Pasha filwaqt li dawk tal-baħar taħt l-Ammiral Piali. L-istoriċi ma jaqblux fuq kemm kienu jgħoddu t-Torok li ġew jinvaduna. Aktarx li kienu qrib it-30,000. Dawn ma kienux kollha Torok imma din kienet allejanza miġbura mill-Imperu Ottoman kollu ta' dak iż-żmien. Skont Balbi l-qawwa Ottamana kienet magħmula minn:

- 9000 Spaħis jew Kavallieri mill-Anatolja u mir-Ruania- (l-Alġerija);
- 6000 Ġanissarji li kienu l-aqwa ġellieda tal-Imperu Ottom - ħafna minnhom miraturi

preċiżi bl-ixkubetta jew arkebus;

- 4000 Jajalari li kienu fanatiċi tal-Islam lesti li jmutu għar-reliġjon;
- 4000 voluntier u xi 5000 bil-lieva fosthom Griegi, Lhud u kursari minn Tripli u mill-Alġerija.

Ġabu magħhom numru kbir ta' kanuni, biċċa minnhom enormi u ammont kbir ta' munizzjon u żwiemel u kull attrezzatura neċessarja għall-assedju għax kienu jafu li Malta kienet fqira u ma kienu ħa jsibu xejn.

Sa tlett ijiem wara li waslet, l-armata Torka bil-mod żbarkat kollha l-art u mlew tista tgħid in-nofsinhar ta' Malta kollu. Il-kmandanti Torok għamlu kunsill tal-gwerra biex jiddeċiedu kif ser imexxu. Il-Ġeneral Mustafa ried li jaħbtu l-ewwel għall-Imdina u mbagħad jinvadu Għawdex, b'hekk it-Tramuntana ta' Malta tkun taħt idejhom u kull għajnuna minn Sqallija tiġi mwaqqfa mill-ewwel. Imbagħad, fl-aħħar, jinżlu għall-Isla u l-Birgu. Il-flotta ried jaqsamha fi tlieta, parti tħares it-tramuntana ta' Malta lejn Għawdex, parti timblokka l-Port il-Kbir u l-bqija tibqa' ankrata Marsaxlokk. Imma l-Ammiral Piali ma qabilx ma' dan il-pjan. Deherlu li Marsaxlokk ma kienx port kenni tajjeb għall-flotta u lanqas ma riedt jissogra bastimenti barra mill-portijiet. Hu ried li waqt l-assedju, l-flotta tiddaħħal f'port iktar kenni mill-irjiħat kollha. Il-port il-Kbir ma setgħux jidħlu qabel jieħdu Sant'Anġlu u San Mikiel. Setgħu jidħlu Marsamxett imma kellhom jieħdu l-ewwel il-fortizza ta' Sant'Iermu li kienet tindokra d-daħla ta' dan il-port. Il-kelma tal-Ammiral kellha iktar saħħa minn ta' Mustafa għax kellu iktar konnesjonijiet familjari mas-Sultan Sulejmen għalhekk għaddiet tiegħu u mnalla kien hekk għax kieku ħadmu l-pjan ta' Mustafa kien jirnexxilhom jeħduna. Għalhekk iddeċiedew li jibdew minn Sant' Iermu.



*Matteo Perez d'Aleccio,L-attakk fuq Forti Sant'Iermu fis-27 ta' Mejju 1565, Il-Palazz Presidenzjali, il-Belt (Ritratt Daniel Cilia)*

**L-Attakk fuq Sant' Iermu**

Forti Sant' Iermu li għandu forma ta' stilla mibni fit-tarf tal-peniżola għolja msejħa Sciberras, illum il-belt Valletta. Il-forti jikkontrolla d-daħla tal-Port il-Kbir fuq naħa u ta' Marsamxett fuq in-naħa l-oħra. It-Torok bilfors riedu jeħduh biex ikunu jistgħu jdaħħlu l-iġfna tagħhom Marsamxett. Iddeċiedew li jittakkawh mill-baħar minn naħa ta' Tas-Sliema viċin il-Ponta ta' Tignè u mill-art billi jistazzjonaw batterija ta' kanuni fuq l-għolja Sciberras eżatt faċċata tiegħu u fuqu (fejn illum jiġi l-Belt). Kellhom problema għaliex riedu jġorru l-kanuni tagħhom li kienu kbar ħafna għal distanzi twal. Niżżluhom ix-xatt Ta' Sliema u kellhom iġorruhom bil-bhejjem u żwiemel max-xatt kollu għad-dawra ta' Sa Maison sakemm jidħlu bihom fuq l-għolja Sciberras.

Kellhom problema oħra għax fuq l-għolja ma kienx hemm ilqugħ xejn u t-tiraturi tagħna minn fuq Forti Sant'Iermu kienu l-ħin kollu jiftħu n-nar fuqhom. Għalhekk it-Torok kellhom iġibu eluf ta' xkejjer mimlijin bil-ħamrija mill-Marsa u mill-inħawi tal-madwar biex jibnu

lqugħ madwar il-kanuni u suldati tagħhom għax fuq l-għolja lanqas ħamrija ma kien hemm biżżejjed u ma setgħux iħaffru trunċieri l-isfel. Ix-xatt ta' Tignè u l-Imsida u Sa Maison il-Pietà kienu mimlija kampijiet u suldati Torok.

Filgħodu tal-24 ta' Mejju, l-Ġeneral Mustafa' ordna li jibda l-bumbardament fuq Sant'Iermu. Il-ġebel tal-forti beda jitfarrak bil-mod hekk kif il-balal enormi tat-Torok bdew jaħbtu miegħu. Tagħna fil-forti kellhom il-biża li jfaqqgħu l-bjar bil-tregħid tal-balal u jispiċċaw bla ilma imma dan fortunatament ma seħħx. It-tiraturi Torok bl-ixkubetti kienu wkoll stazzjonati n-naħa tax-xatt ta' Tigne' biex kull meta jixirfu tagħna minn fuq il-forti jtajrulhom rashom.

Il-Granmastru De Valette bagħat iktar suldati u kavallieri lejn Sant Iermu bil-baħar min-naħa tal-Birgu. Sar rinforz ta' 200 suldat u 60 ex-qaddiefa Nsara tal-Ordni (li kienu nħelsu apposta) kollha taħt il-kmand tal-Kurunell Mas. L-ordni kienet li Sant' Iermu jrid iżomm kemm jiflaħ ħalli jagħti ċans tiġi l-għajnuna minn Sqallija. Vallette ried iġib iż-żmien minn fuq il-forti ta' Sant' Iermu u din kienet tattika li rnexxiet.

Il-qawwa Torka żdiedet fis-27 ta' Mejju meta wasal Luċċjali minn Lixandra b'erba' xwieni mimlijin b'munizzjon u ġab miegħu inġiniera Egizzjani esperti tal-assedji. Tlett t'ijiem wara wasal Malta l-Kmandant Dragut minn Tripli, bi ħmistax-il xini mgħobbija b'munizzjon u kanuni u 1500 suldat. Is-Sultan Sulejman kien ordna lill-kmandanti Torok biex joqogħdu għall-pariri ta' Dragut li kien stmat ħafna miegħu. Dragut kellu 80 sena dik il-ħabta u kien jaf il-kosta ta' Malta bl-amment għax kien xeba' jmexxi attakki furbana. Xejn m'għoġbu l-pjan tal-gwerra tat-Torok imma qallhom issa la bdejtu komplu hekk (jiġifieri li jattakkaw lil Sant' Iermu).

Dragut ordna li titpoġġa batterija kanuni oħra fil-ponta jgħidulha tal-forka (fejn hemm Ricasoli llum) biex il-bumbardament fuq Sant'Iermu jkun mid-dawra kollha. Dragut fehem ukoll li l-Forti kien qiegħed iżomm għax De Valette kien qiegħed jibgħat rinforzi bil-baħar bil-lejl min-naħa tal-Birgu. Għalhekk riedu jaqtgħu din il-komunikazzjoni mal-Birgu ħalli l-Forti jfittex jaqa'. Dragut kien joqgħod mas-suldati tiegħu fil-kamp fuq l-għolja Sciberras stess biex il-ħin kollu jmexxi l-bumbardament.

Balbi jikteb li Sant'Iermu f'dawn il-jiem kien sar qisu vulkan bil-lejl jixgħel bin-nar tiela' minnu. Kien ilaqqat bejn 6000 u 7000 tir ta' kanun kuljum. Is-sħana kienet iżżid kuljum għax Ġunju beda dieħel u l-għatx u nuqqas ta' ilma beda jinħass kemm fuq tagħna ta' ġol-forti u iktar fuq it-Torok li bdew jimordu bid-disinterija. Għamlu speċi ta' sptar, b'mijiet ta' tined, ġewwa l-Marsa għall-morda tagħhom. Malli ċċedi parti sostanzjali mill-ħajt tal-forti t-Torok kienu jattakkaw u jippruvaw jidħlu. Il-Ġanissari kienu minn tal-ewwel u mietu bil-bosta minnhom għax tagħna kienu jitfħu fuqhom nar qawwi u jwaddbulhom żejt jagħli u ċrieki tan-nar.

It-Torok ma setax jirnexxilhom jippenetraw il-forti. Il-mejtin tagħhom kienu jispiċċaw gzuz taħt il-ħitan tal-forti. Tagħna kienu qegħdin jitilfu ħafna nies ukoll u qabdu jaqtgħu qalbhom għalhekk iktar minn darba bagħtu messaġġi lil De Valette biex iħallihom iċedu l-forti u jaħarbu lejn il-Birgu u l-Isla. De Valette kull darba irrifjuta din il-proposta u ordna li ħadd ma kellu jirtira postu u kellhom jirreżistu sal-aħħar raġel. In-nies tagħna fil-forti ma kienux abbundunati għaliex De Valette kien jibgħat rinforzi kull jum bil-lejl, li kienu jkunu voluntiera Maltin u Kavallieri – kollha eroj għax kienu jafu li sejrin jiġġieldu sal-mewt.

Fit-18 ta' Ġunju, waqt li Dragut kien qiegħed jispezzjona t-truppi u l-batteriji fuq l-għolja Sciberras jintlaqat minn ġebla, wara li balla ta' kanun sparata minn Sant'Anġlu, ħabtet mal-art u tajret xi ġebel. Waqa' fl-art u ħaduh ġo tinda l-Marsa nofsu mejjet. Fid-19 ta' Mejju nstemgħet splużjoni kbira ġewwa Sant' Anġlu. Kienet splodiet polverista tal-porvli u qatlet tmien t'irġiel u tajret xi soqfa. It-Torok bdew jgħajtu bil-ferħ u tagħna sparawlhom xi tiri ta' kanun ġo nofshom minn Sant' Anġlu biex ikollhom biex jifirħu. De Vallette ma setax jibgħat iktar għajnuna lejn Sant' Iermu bil-baħar għax issa t-Torok kienu imblokkaw kollox. Sant'Iermu żamm għal tlett ijiem oħra mingħajr għajnuna mill-Birgu sakemm fit-23 ta' Ġunju wara taqtigħa twila, li fiha ħallew ħajjithom kavallieri u ħafna suldati Maltin u Għawdxin, il-Forti ntrebaħ mill-Misilmin u minn fuqu niżlet il-bandiera ħamra bis-salib abjad tal-Ordni u telgħet flokha l-bandiera tan-nofs qamar. Sant'Iermu kien żamm 31 ġurnata u t-Torok kellhom iħallsu prezz għoli ħafna b'eluf ta' mejtin - xi 8000 mejtin, aħna tlifna xi 1500 fosthom 120 kavallier, l-iktar Taljani.



*Matteo Perez d'Aleccio,L-attakk fuq Forti Sant'Iermu fis-27 ta' Mejju 1565, Il-Palazz Presidenzjali, il-Belt (Ritratt Daniel Cilia)*

Xi suldati Maltin irnexxielhom jaħarbu bil-għawm lejn il-Birgu. Balbi sar jaf x'ġara fil-forti minn għandhom. Inqabdu xi disa' kavallieri priġunieri imma ħadd ma jaf x'ġara minnhom. It-Torok kienu fferoċċjati għax kienu tilfu ħafna suldati biex rebħu forti wieħed li ma kienx sinifikanti daqs Sant'Anġlu jew San Mikiel. Il-Ġeneral Mustafa ordna li jinqatgħu l-irjus tal-katavri tal-kavallieri u waħluhom fuq lanez twal biex jarawhom minn Sant'Anġlu. Il-ġisem bla ras tagħhom salbuhom fuq slaleb u tefgħuhom fil-baħar lejn Sant'Anġlu. X'ħin tagħna rawhom minn Sant'Anġlu marru jgħidu lill-Granmastru. De Valette għadab bl-ikrah u ordna li jinġiebu l-priġunieri Torok li kienu nqabdu mill-kavallerija tagħna. Lil dawn qatgħulhom rashom u l-irjus sparawhom minn kanun kbir lejn il-kampijiet tat-Torok. Sa dan it-tant ħlisna minn Dragut li miet bil-ġrieħi li ġarrab.

Issa t-Torok setgħu jdaħħlu parti kbira mill-flotta tagħhom ġol-port ta' Marsamxett bla tfixkil. Marsamxett imtela kollu biċċiet tal-baħar tat-Torok. Bdew il-preparamenti għall-attakk fuq il-Birgu u l-Isla. Ġarrew iżjed kanuni lejn l-għolja Sciberras, Kordin, Santa Margerita u Tas-Salvatur - kollha immirati lejn San Mikiel u Sant' Anġlu.



*Matteo Perez d'Aleccio, Il-wasla tal-Piccolo Soccorso minn Sqallija fil-5 ta' Lulju 1565, Il-Palazz Presidenzjali, il-Belt (Ritratt Daniel Cilia)*

Feġġgħet daqsxejn ta' tama għalina meta fid-29 ta' Ġunju waslet għajnuna żgħira minn Sqallija (il-*piccolo soccorso*). Din kienet tikkonsisti f'erba' xwieni b'xi 500 suldat, 40 kavallier u 56 bumbardier taħt it-tmexxija tal-kavallier de Robles. Niżlu Għajn Tuffieħa jew l-Imġarr u mxew matul

il-kosta l-isfel. Irnexxilhom jiżgiċċaw minn taħt ħalq it-Torok billi żammew 'l bogħod kemm setgħu mill-linji tal-għadu l-iktar fil-Marsa u Kordin. Imxew lejn ir-Rinella l-Kalkara u minn hemm ittieħdu l-Birgu u ftit wara qassmuhom fil-fortizzi ta' San Mikiel u Sant'Anġlu. De Valette niżżel ukoll xi suldati mill-Imdina.

Il-Ġeneral Mustafa bagħat messaġġier lejn il-Birgu għand De Valette. Jekk iċedu 'l Malta kien ser iħallihom jitilqu lejn Sqallija bl-unuri kollha. De Valette naturalment irrifjuta u biex ibeżżgħu lill-messaġġier ordna li jiġi mgħallaq imma tagħna keċċewh 'l barra b'għajnejh mgħottijin ħlief biex urewlu l-ħxuna tas-swar u l-fond tal-foss. Il-messaġġier irritorna lejn it-Torok imwerwer u dawn ħassewhom insultati u ifferoċjaw iżjed.

**L-Attakki fuq San Mikiel u Sant' Anġlu – L-Isla u l-Birgu**

It-Torok ġiethom ideja tajba li jġorru dgħajjes kbar fuq l-art mill-port ta' Marsamxett, jaqsmu l-għolja Sciberras u jniżżluhom il-port il-kbir (xi nofs mil art). B'hekk ikunu jistgħu jattakkaw l-Isla bil-baħar ukoll mingħajr ma jgħaddu taħt in-nar ta' Sant' Anġlu.

Ħarbu tlieta mill-kamp Tork fuq l-għolja Sciberras u qabżu l-baħar. It-Torok rawhom u ġrew għal warajhom. Tagħna rawhom mill-Isla u qabżu l-baħar għalihom. Irnexxielhom isalvahom u daħħluhom l-Isla. Wieħed kien Malti, l-ieħor minn Sirakuża u t-tielet deżertur li kien Grieg - uffiċjal fl-armata Torka. Ħaduh għand il-Granmastru u tarraflu l-pjan tat-Torok jiġifieri li kienu ser jattakkaw San Mikiel bl-art u bil-baħar f'daqqa waħda. Id-dgħajjes Torok kienu ser iniżżlu suldati matul ix-xatt tal-Isla. De Vallette ddeċida li jsaħħaħ dik in-naħa tal-Isla. Tagħna qalulu li tista' ssir pallizzata jiġifieri bħal travi ippuntati mħawlin f'qiegħ il-baħar bil-ħoloq tal-ħadid u marbutin bil-ħbula, hekk li l-ebda dgħajsa ma tkun tista tersaq lejn ix-xatt. F'disa' t'iljieli l-Maltin irnexxielhom jibnuwha. Tant kienet biċċa xogħol tajba li l-Granmastru ordna li tinbena oħra fid-daħla tal-Kalkara.



*Matteo Perez d'Aleccio, L-attakk fuq Forti San Mikiel u Forti Sant'Anġlu, Il-Palazz Presidenzjali, il-Belt (Ritratt Daniel Cilia)*

Għall-aħħar tal-ewwel ġimgħa ta' Lulju sar bumbardament kbir fuq San Mikiel, Sant' Anġlu kif ukoll fuq l-Isla u l-Birgu. It-Torok riedu jkissru l-pallizzata imma ma rnexxielhomx. Ippruvaw iktar minn darba. Tagħna li kienu għawwiema tajbin kull darba niżlu għalihom fil-baħar u qattgħuhom. Hawnhekk, Balbi tgħidx kemm ifaħħar il-qlubija tal-Maltin. L-assalt wasal fil-15 ta' Lulju, b'elf Ġanissarju taħt rajjes Kandlissa, rħewlha bid-dgħajjes lejn l-Isla u Ħasan, viċire tal-Alġerija, resaq bl-art bi 30,000 ruħ min-naħa ta' Kordin. Taw is-salt f'ħin wieħed b'għajjat u ħsejjes tal-infern. Sant' Anġlu fil-bażi tiegħu kellu batterija b'ħames kanuni tistennihom u fetħu n-nar fuqhom livell tal-baħar. Bi ftit tiri ħarbtuhom kważi kollha u qatlu l-biċċa kbira tagħhom. Dawk li resqu bl-art sabu jistennihom baraxx ta' ġebel minn fuq is-sur kif ukoll żejt jagħli. It-Torok kienu kważi irnexxielhom jieħdu posta imma malajr waslu rinforzi mill-Birgu li qassmu minn fuq pont mqiegħed apposta bejn il-Birgu u l-Isla. It-Torok x'ħin raw iktar suldati ġejjin, irtiraw. Il-battalja tal-Isla damet xi sitt siegħat u t-Torok tilfuha b'kollox. Ħallew warajhom xi 2,500 mejtin u minn tagħna mietu xi 200. Eżatt kif it-Torok kollha irtiraw reġgħu bdew

jibbumbardjaw bil-qawwi ħalli ma jħalluniex nieħdu nifs. It-Torok indunaw li l-għajnuna tal-Maltin kienet importanti għall-Kavallieri u huma kienu qegħdin iħossu l-effetti tagħha għalhekk ippruvaw jixtruna billi wegħdu li jekk iċedu, inkunu stmati tajjeb u jħalluna ħielsa. Naturalment tagħna l-ebda wieħed ma aċċetta. Fil-fatt Bradford (1961) jikteb li matul l-assedju kollu l-ebda Malti ma qatt qasam lejn 'l għadu!



***Matteo Perez d'Aleccio, L-attakk mill-art u mill-baħar fuq l-Isla, Il-Palazz Presidenzjali, il-Belt (Ritratt Daniel Cilia)***

Fit-2 ta' Awwissu sar bumbardament kbir fuq San Mikiel u Sant'Anġlu tant li jgħidu li l-kanuni jisparaw f'daqqa instemgħu minn Sqallija. X'ħin raw xi ftuħ fis-swar ta' San Mikiel, it-Torok attakkaw u ppruvaw jidħlu imma fallielhom. Damu sitt siegħat jitħabbtu imma kull darba tagħna jwaddbuhom lura. Mustafa ma qatax qalbu u wara ħames t'ijiem bumbardamenti reġgħu attakkaw San Mikiel u Sant'Anġlu f'daqqa. Dan ġara fis-7 ta' Awwissu. L-attakk fuq Sant'Anġlu kien diżastru għat-Torok għax tagħna ddefendew tajjeb u kienu dejjem f'posizzjoni vantaġġjuża. Imma fl-Isla t-Torok bdew jirbħu u javvanzaw ġewwa. F'daqqa waħda sar miraklu għax it-Torok daqqew ritirata u telqu hekk kif San Mikiel kien kważi tagħhom. Li ġara kien li l-kavallerija tagħna taħt il-kavallier Mesquita niżlet mill-Imdina u attakkaw il-kamp sptar li kellhom it-Torok ġewwa l-Marsa u ħarbtuħ bil-morda b'kollox. Serqulhom li setgħu u telgħu lura l-Imdina bil-galopp. Dan ġara waqt li l-qawwa Torka kienet qegħda għaddejja bl-attakk tagħha fuq il-Birgu u l-Isla. B'hekk kienu irtiraw it-Torok, għax ħasbu li kienet waslet xi għajnuna minn Sqallija u daħlu fuqhom mill-Marsa.

Komplew bil-bumbardamenti u għamlu attakk ieħor kbir bejn id-19 u l-21 ta' Awwissu. Bradford (1961) jgħidilna li t-Torok irnexxielhom jisplodu bomba kbira jgħidulha mina, taħt parti mis-sur tal-Birgu. X'ħin waqa' l-ħajt daħlu numru kbir ta' Torok. Meta De Valette sema', libes l-armatura u hu stess mexxa 100 suldat mill-pjazza tal-Birgu lejn il-fetħa. Tagħna x'ħin raw lill-Granmastru, raġel ta' 70 sena b'dak il-kuraġġ kollu, saru qishom iljuni u rnexxielhom jagħlqu l-fetħa u jwaqqfu l-marmalja Torka milli tidħol il-Birgu.

Għall-aħħar ta' Awwissu t-Torok ittantaw jidħlu San Mikiel billi bnew torri tal-assedju. Dan kien ikun torri tal-injam għoli u jista' jimxi bir-roti. Is-suldati jidħlu fih u malli jersaq lejn is-sur, huma jaqbżu minn fuqu u jidħlu fil-fortizza. Tagħna rawh u indunaw x'ġej. Sejħu xi bennejja u nġiniera u bdew iħaffru toqba minn ġos-sur li tiġi livell mal-bażi tat-Torri. Dawn it-Torrijiet kienu jkunu kbar u mhux la kemm tbidlilhom posthom waħda għax tqal u t-tieni minħabba d-diffikultà tal-art. Minn din it-toqba tagħna setgħu jdaħħlu l-bokka ta' kanun li spara għall-bażi tat-torri u qeridulhom. Jidher li t-Torok ma kienux ser jaqtgħu qalbhom u għall-aħħar ta' Awwisssu l-moral tan-nies fil-Birgu u l-Isla beda nieżel ħlief tal-Granmastru De Valette li dejjem baqa' sod u konvint li mhux ser iċedi.

## Il-Wasla tal-Gran Sokkors u l-Vittorja

Settembru kellu jkun grazzja minn Alla għalina. L-Ammiral Piali kien jaf li f'Settembru fil-Mediterran jista' jagħmel maltempati tal-biża u l-flotta kienet tintilef. Għalhekk it-Torok qabdet taghtihom rashom u iddeċiedew li jitilgħu għall-Imdina għax ħasbu li kienet bla saħħa. Imma tagħna fl-Imdina hekk kif lemħuhom ġejjin għalihom, fetħu xebgħa nar bil-kanuni fuqhom u t-Torok reġa' bdilhom u marru lura lejn il-Marsa u Kordin.



*Matteo Perez d'Aleccio, Il-wasla tal-Gran Sokkors minn Sqallija fis-7 ta' Settembru 1565, Il-Palazz Presidenzjali, il-Belt (Ritratt Daniel Cilia)*

Fis-7 ta' Settembru wasal Malta Don Garcia bi 8,000 suldat, niżlu San Pawl u stazzjonaw ruħhom San Pawl tat-Tarġa jistennew it-Torok jirtiraw. It-Torok kienu diġa iddeċiedew li jitilqu. Dan kien joqoshom – il-wasla tal-għajnuna l-kbira, u bdew jgħabbu l-apparat kollu li kelhom fuq ix-xwieni tagħhom. Fil-11 ta' Settembru telqu minn Malta darba għal dejjem. Balbi jikteb fid-djarju tiegħu li t-Torok ħallew warajhom eluf ta' mejtin, xi 30,000, filwaqt li l-istoriċi Torok jgħidu xi 10,000. Aħna tlifna xi 7,000 suldat. Mietu xi 250 kavallier u Malta tilfet terz mill-popolazzjoni tagħha (xi 6000). L-Isla u l-Birgu kienu mfarrkin għal-lest. It-Torok ħallew ħerba warajhom anke fir-raba' u l-kampanja u fl-irziezet inkluż tan-naħa tagħna ta' Bir Miftuħ. Il-prezz li ħallasna kien għoli imma taħt it-tmexxija tal-kbir Granmastru De Valette u tal-kavallieri u bil-qlubija tas-suldati tagħna kollha u tal-poplu Malti u Għawdxi, il-gżejjer Maltin setgħu jibqgħu Nsara. L-Isla saret belt Invicta u l-Birgu sar belt Vittoriosa. It-8 ta' Settembru Jum l-festa tat-twelid tal-Verġni Marija issa saret il-festa tal-Vitorja li għadna niċċelebraw sal-lum, 450 sena wara din il-ġrajja hekk importanti għall-gżejjer Maltin u għall-Ewropa kollha għaliex kieku t-Torok ħaduna kienu jmorru għal Sqallija u l-Italja u l-iskop tagħhom kien li Ruma ssir Musulmana u b'hekk jeqirdu r-reliġjon nisranija bħalma kienu għamlu f'Kostantinopli - Istanbul tal-lum. Imma bl-għajnuna t'Alla u tal-Madonna dan ma seħħx!



*Matteo Perez d'Aleccio, It-Torok jirtiraw u jħallu pajjiżna f it-13 ta' Settembru 1565, Il-Palazz Presidenzjali, il-Belt (Ritratt Daniel Cilia)*


**Referenzi:**

Bradford, E. (1961), The Great Siege, Hodder & Stoughton, London.

Ellul, J. (1992), 1565 - The Great Siege of Malta, Gutenberg Press Ltd., Żabbar, Malta.

Fiorini, S. (2000) fi Vella, H.C.R. (Ed.) (2000), Ħal Kirkop u l-Inħawi ta' Madwaru, L-Ewwel Volum, Stamperija tal-Università, Malta, pp. 24-47.

Ġrajjet Malta, it-Tieni Ktieb (1978), Dipartiment tal-Edukazzjoni, Interprint Malta Ltd.

Great Siege of Malta – Wikipedia.